



2024/2711

23.10.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2711

tat-22 ta' Ottubru 2024

li jemenda l-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għat-tjakklopid f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), l-Artikolu 18(1), u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi (maximum residue levels, "MRLs") għas-sustanza attiva tjakklopid ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") irrieżaminat dawn l-MRLs f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u rrakkomandat MRLs li sabet li kienu sikuri għall-konsumaturi ⁽²⁾. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1200 ⁽³⁾ inkluda dawn l-MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fl-2020, l-approvazzjoni ta' din is-sustanza attiva ma ġietx imġedda ⁽⁴⁾ abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, fid-dawl tat-tħassib kritiku identifikat mill-Awtorità fil-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art b'metaboliti karċinoġeniċi potenzjali tat-tjakklopid ⁽⁶⁾ u l-klassifikazzjoni tiegħu, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, bħala tossiku għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B. Billi s-sustanza ma ssodisfatx il-kriterji tal-approvazzjoni, l-Awtorità ma qisix li kien meħtieġ li tiġi ffinalizzata l-valutazzjoni tal-proprjetajiet possibbli li jfixxlu s-sistema endokrinali tat-tjakklopid abbażi tal-aktar kriterji reċenti fil-punti 3.6.5 u 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ⁽⁸⁾. Madankollu, l-Awtorità nnotat li t-tjakklopid tqies li jissodisfa l-kriterji għall-

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/2024-02-26>.

⁽²⁾ EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2014. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for thiaclopid according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(3):3617, <https://doi:10.2903/j.efsa.2014.3617>.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1200 tat-22 ta' Lulju 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-amidosulfuron, il-feneżammid, il-kresoksim-metil, it-tjakklopid u t-trifloksistrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 195, 23.7.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1200/oj>).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/23 tat-13 ta' Jannar 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva thiaclopid, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 8, 14.1.2020, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/23/oj).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/2022-11-21>).

⁽⁶⁾ EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2019. Conclusion on pesticides peer review. Peer review of the pesticide risk assessment of the active substance thiaclopid. EFSA Journal 2019;17(3): e05595, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5595>.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/2023-12-01>).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33, <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/605/2018-04-20>).

proprietajiet li jfixklu s-sistema endokrinali stabbiliti fl-2013⁽⁹⁾ u d-definizzjoni tad-WHO għall-interferenti endokrinali⁽¹⁰⁾, peress li jikkawża effetti negattivi fuq is-sistema riproduttiva u endokrinali permezz ta' mod ta' azzjoni endokrinali.

- (3) L-awtorizzazzjonijiet kollha li diġà jeżistu għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom it-tijaklopidi ġew irrevokati. Għalhekk, jixraq li l-MRLs eżistenti stabbiliti għal din is-sustanza attiva fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jitħassru, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 14(1), il-punt (a) tiegħu. Fid-dawl tal-valuri ta' referenza tossikoloġiċi l-ġodda, b'mod partikolari doża akuta ta' referenza aktar baxxa, kif propost fil-konklużjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tippovdi dikjarazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li fiha valutazzjoni tar-riskju djetetiku (akut) fuq terminu qasir għall-MRLs li huma bbażati fuq użi mhux tal-UE, li huma dawk ibbażati fuq talbiet ta' tolleranza għall-importazzjoni u dawk li huma bbażati fuq il-limiti massimi ta' residwi tal-Codex ("CXLs") stabbiliti fl-2007.
- (4) Fid-dikjarazzjoni tagħha⁽¹¹⁾, l-Awtorità identifikat riskju għall-konsumaturi rigward is-CXLs għall-ħawħ u għall-bżar ħelu/bżar tal-kulur (kapsikum). Għalhekk huwa xieraq li l-MRLs għal dawk il-prodotti jitbaxxew għal-limiti ta' determinazzjoni ("LODs") speċifiċi għall-prodotti. Għall-MRLs għall-papaja u t-te, li ġew derivati minn tolleranzi tal-importazzjoni, u għall-MRLs għall-isfarġel, in-naspli/naspli tal-ġappun, il-berquq, iċ-ċirasa (ħelwa), l-għanbaqar, il-frawli, il- "frott tal-kannamieli", "frott żgħir u kukku oħrajn", il-kiwis, il-patata, it-tadam, il-brunġiel/il-brunġiel, "kukurbiti b'qoxra li tittiekel", bettieħ, dulliegħ, żerriegħa tal-lift, żerriegħa tal-mustarda, ross, qamħ, "prodotti minn tessuti (muskoli, fwied, kliewi u ġewwieni li jittiekel) tal-annimali (majjali, bovini, naġhaġ, żwiemel, u annimali oħra tar-razzett)" pollam (muskoli, fwied u ġewwieni li jittiekel), ħalib u bajd, li huma bbażati fuq is-CXLs, l-Awtorità ma identifikatx riskju akut għall-konsumaturi iżda kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-manigġers tar-riskju.
- (5) Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Awtorità kienet ibbażata fuq valuri ta' referenza tossikoloġiċi eżistenti. Dawn il-valuri ta' referenza tossikoloġiċi mhux neċessarjament jirriflettu l-effetti relatati mas-sistema endokrinali minħabba li ma ġewx ivvalutati skont il-kriterji l-ġodda tal-UE stabbiliti fl-2018 (8). Barra minn hekk, l-effetti relatati mas-sistema endokrinali spiss jokkorru flivelli baxxi ta' doża u s-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali spiss ma jkollhomx limitu sikur⁽¹²⁾. B'riżultat ta' dan, għad hemm raġunijiet raġonevoli għal tħassib li l-MRLs li huma bbażati fuq użi mhux tal-UE għandhom effetti potenzjalment ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u mhumiex konsistenti mal-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità twettaq valutazzjoni addizzjonali għat-tijaklopidi filwaqt li tqis l-aktar kriterji reċenti għall-interferenti endokrinali.
- (6) Sakemm tiġi konkluża din il-valutazzjoni tar-riskju addizzjonali mill-Awtorità, u minħabba l-informazzjoni pertinenti disponibbli fir-rigward tal-effetti potenzjalment dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem, huwa xieraq li jitbaxxew provviżorjament l-MRLs li huma bbażati fuq użi mhux tal-UE. Dawn l-MRLs jiġu riveduti ladarba tiġi konkluża l-valutazzjoni mill-Awtorità.
- (7) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tat-tijaklopidi fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu adattati ċerti limiti ta' detezzjoni. Dawk il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku għall-prodotti kollha.

⁽⁹⁾ Il-Kumitat Xjentifiku tal-EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2013. Scientific Opinion on the hazard assessment of endocrine disruptors: scientific criteria for identification of endocrine disruptors and appropriateness of existing test methods for assessing effects mediated by these substances on human health and the environment. EFSA Journal 2013;11(3):3132-84, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2013.3132>.

⁽¹⁰⁾ Id-WHO/IPCS (l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa/il-Programm Internazzjonali dwar is-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi), 2002. Global Assessment of the State-of-the-science of Endocrine Disruptors. WHO/PCS/EDC/02.2, <https://www.who.int/publications/i/item/WHO-PSC-EDC-02.2>.

⁽¹¹⁾ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2023; Statement on the short-term (acute) dietary risk assessment and evaluation of confirmatory data for certain maximum residue levels (MRLs) for thiaclopid. EFSA Journal 2023;21(3):7888, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.7888>.

⁽¹²⁾ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2010; Scientific report of the Endocrine Active Substances Task Force. EFSA Journal 2010;8(11):1932, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2010.1932>.

- (8) Permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (10) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni qabel ma jibdeu japplikaw l-MRLs il-ġodda, ħlief għal-lanġas, għall-ħawħ, għal-lampun (aħmar u isfar), għall-bżar ħelu, għall-kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai u għall-ħass li għalihom ġie identifikat riskju akut għall-konsumaturi. Din il-miżura tranżizzjonali hija ġġustifikata u proporzjonata minħabba l-firxa limitata ta' prodotti li għalihom tali perjodu japplika b'mod effettiv (prinċipalment prodotti ta' ħajja fuq l-ixkaffa twila u mhux prodotti friski li jitħassru malajr) u l-esponiment baxx tal-konsumaturi minn tali prodotti, kif muri minn *data* ta' monitoraġġ reċenti rappreżentattiva għas-suq miġbura mill-Awtorità ⁽¹³⁾.
- (11) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbli, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq tal-Unjoni qabel it-12 ta' Mejju 2025, ħlief għal-lanġas, għall-ħawħ, għal-lampun (aħmar u isfar), għall-bżar ħelu/bżar tal-kulur, għall-kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai u għall-ħass.

⁽¹³⁾ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2024; The 2022 European Union report on pesticide residues in food. EFSA Journal 2024;22:e8753, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8753>.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-12 ta' Mejju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness II, il-kolonna għat-tijaklopid titħassar.
- (2) fl-Anness V, tizzied il-kolonna li ġejja għat-tijaklopid:

“Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta’ residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*)	Tijaklopid
(1)	(2)	(3)
0100000	FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR	
0110000	Frott taċ-ċitru	0,01 (*)
0110010	Grapefruit	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	Ġewż tas-siġar	0,02 (*)
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	Frott taż-żerriegħa	0,01 (*)
0130010	Tuffieħ	
0130020	Lanġas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn (2)	

0140000	Frott tal-għadma	0,01 (*)
0140010	Berquq	
0140020	Ċiras (ħelu)	
0140030	Ħawħ	
0140040	Għanbaqar	
0140990	Oħrajn (2)	
0150000	Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor	0,01 (*)
0151000	(a) Għeneb	
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) Frawli	
0153000	(c) Frott tal-kannamiela	
0153010	Tuta tal-għollieq	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	(d) Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor	
0154010	Mirtill	
0154020	Cranberries	
0154030	Ribes (iswed, aħmar u abjad)	
0154040	Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)	
0154050	Warda Skoċċiża	
0154060	Tut u ċawsli	
0154070	Ghanzalur/naspli tal-Mediterran	
0154080	Frott tas-sebuqa	
0154990	Oħrajn (2)	
0160000	Frott mixxellanju	0,01 (*)
0161000	(a) Bil-qoxra li tittiekel	
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Larinġ tal-qsari	
0161050	Karambola	
0161060	Kaki	
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	
0161990	Oħrajn (2)	
0162000	(b) Bil-qoxra li ma tittikilx, żgħir	
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar u isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	

0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) Bil-qoxra li ma tittikilx, kbir	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Frott tal-annona	
0163990	Oħrajn (2)	
0200000	ĦAXIX, FRISK jew IFFRIŻAT	
0210000	Ħxejjex tal-għeruq u tuberi	0,01 (*)
0211000	(a) Patata	
0212000	(b) Ħxejjex tropikali mill-għeruq u tuberi	
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) Ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi taz-zokkor	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	
0213090	Leħjet il-bodbod	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	

0220000	Ħxejjex tal-basla	0,01 (*)
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Xalotti	
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn (2)	
0230000	Ħxejjex tal-frott	0,01 (*)
0231000	(a) Solanaceae u Malvaceae	
0231010	Tadam	
0231020	Bżar ħelu/bżar ikkulurit	
0231030	Brunġiel	
0231040	Bamja	
0231990	Oħrajn (2)	
0232000	(b) Kukurbiti b'qoxra li tittiekkel	
0232010	Ħjar	
0232020	Ħjar tal-pikles	
0232030	Zukkini	
0232990	Oħrajn (2)	
0233000	(c) Kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx	
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara' aħmar	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn (2)	
0234000	(d) Qamħirrum ħelu	
0239000	(e) Ħxejjex tal-frott oħrajn	
0240000	Ħxejjex tal-brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-weraq żgħar tal-brassika)	0,01 (*)
0241000	(a) Brassika li tagħmel il-fjuri	
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	
0242000	(b) Kaboċċi kkapoċċati	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	
0242020	Kaboċċi kkapoċċati	
0242990	Oħrajn (2)	
0243000	(c) Brassika bil-weraq	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kaboċċi ("kales")	
0243990	Oħrajn (2)	

0244000	(d) Ġdur	
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	
0251000	(a) Ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata	0,01 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf	
0251020	Ħass	
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxuni tal-art	
0251060	Aruka	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	
0251990	Oħrajn (2)	
0252000	(b) Spinaċi u weraq simili	0,01 (*)
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieq	
0252030	Weraq tas-selq	
0252990	Oħrajn (2)	
0253000	(c) Weraq tad-dwieli u speċijiet simili	0,01 (*)
0254000	(d) Krexxuni	0,01 (*)
0255000	(e) Ċikwejra	0,01 (*)
0256000	(f) Ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	0,02 (*)
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat salvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Timu	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stregun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	Legumi	0,01 (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	
0260020	Fażola (bla mżiewed)	
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	
0260050	Għads	
0260990	Oħrajn (2)	

0270000	Ħxejjex taz-zokk	0,01 (*)
0270010	Spraġ	
0270020	Kardun	
0270030	Krafes	
0270040	Bużbież ta' Firenze	
0270050	Qaqoċċ	
0270060	Kurrat	
0270070	Rabarbru	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù	
0270090	Qlub tal-palm	
0270990	Oħrajn (2)	
0280000	Faqqiegħ, ħażiż u likeni	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	Algi u organiżmi prokarjoti	0,01 (*)
0300000	BUS u ĦEMES	0,01 (*)
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT u FROTT TAŻ-ŻEJT	0,02 (*)
0401000	Żrieragħ żejtnin	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	
0401020	Karawett	
0401030	Żerriegħa tal-peprin	
0401040	Ġulġlien	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	
0401060	Żerriegħa tal-lift	
0401070	Fażola tas-sojja	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	
0401090	Żerriegħa tal-qoton	
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	
0401110	Żerriegħa tal-ġhosfor	
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	
0401140	Qannebusa	
0401150	Fażola tar-rigħnu	
0401990	Oħrajn (2)	

0402000	Frott taż-żejt	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	
0402030	Frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn (2)	
0500000	ĊEREALI	0,01 (*)
0500010	Barli	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn (2)	
0600000	TEJJET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB	0,05 (*)
0610000	Tejjiet	
0620000	Kafeni	
0630000	Infużjonijiet erbali minn	
0631000	(a) Fjuri	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) Weraq u ħxejjex aromatiċi	
0632010	Frawli	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	(c) Għeruq	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) Kull parti oħra tal-pjanta	
0640000	Żerriegħa tal-kawkaw	
0650000	Ħarrub	

0700000	HOPS	0,05 (*)
0800000	ĦWAWAR	
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	Ħwawar tal-frott	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	
0820070	Vanilla	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	
0820990	Oħrajn (2)	
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	Ħwawar tal-ġheruq u tar-riżomi	
0840010	Ġhud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġinger (10)	
0840030	Żaġħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)
0840040	Ġherq tal-mustarda (11)	
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	Ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 (*)
0860010	Żaġħfran	
0860990	Oħrajn (2)	

0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI	
1010000	Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin	0,01 (*)
1011000	(a) Ħnieżer	
1011010	Muskoli	
1011020	Xaħam	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn (2)	
1012000	(b) Animali bovini	
1012010	Muskoli	
1012020	Xaħam	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1012990	Oħrajn (2)	
1013000	(c) Nagħaġ	
1013010	Muskoli	
1013020	Xaħam	
1013030	Fwied	
1013040	Kliewi	
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1013990	Oħrajn (2)	
1014000	d) Mogħoż	
1014010	Muskoli	
1014020	Xaħam	
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1014990	Oħrajn (2)	

1015000	(e) Ekwini	
1015010	Muskoli	
1015020	Xaħam	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1015990	Oħrajn (2)	
1016000	(f) Pollam	
1016010	Muskoli	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn (2)	
1017000	(g) Animali oħrajn tar-razzett	
1017010	Muskoli	
1017020	Xaħam	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1017990	Oħrajn (2)	
1020000	Is-settur tal-ħalib	0,01 (*)
1020010	Bovini	
1020020	Nagħaġ u mtaten	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	Bajd tal-għasafar	0,02 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)	0,05 (*)
1050000	Anfibji u rettili	0,01 (*)
1060000	Animali terrestri invertebrati	0,01 (*)
1070000	Animali terrestri vertebrati slavaġ	0,01 (*)
1100000	PRODOTTI LI JORĠINAW MILL-ANIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)	

1 200000	PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL- PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)	
1 300000	PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)	
<p>(*) Jindika l-limitu minimu ta' determinazzjoni analitika</p> <p>(e) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I</p> <p>(+) Kombinament ta' pestiċidi u prodotti li għalih teżisti nota f'qiegħ il-paġna. Il-lista ta' noti f'qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt."+B5</p>		